IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.10.2023
COM(2023) 638 final

ANNEXES 1 to 4

**ANNESSI**

***għal***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024**

**Inwettqu llum u nħejju għal għada**

MT MT

# Anness I: Inizjattivi ġodda[1]

| Nru | Objettiv ta' politika | Inizjattivi |
|---|---|---|
| **Patt Ekoloġiku Ewropew** | | |
| 1. | **Pakkett dwar l-enerġija mir-riħ** | **Pakkett dwar l-enerġija mir-riħ** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 4 2023) |
| 2. | **Mira klimatika għall-2040** | **Mira klimatika għall-2040** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| 3. | **Reżiljenza tal-ilma** | **Reżiljenza tal-ilma** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| **Ewropa Lesta għall-Era Diġitali** | | |
| 4. | **Spazju sikur għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali** | a) **Liġi spazjali tal-UE** (leġiżlattiva, inkluża valutazzjoni tal-impatt, l-Artikoli 114 u 191 TFUE, Trimestru 1 2024) |
| | | b) **Strateġija dwar l-ekonomija tad-*data* spazjali** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| 5. | **Intelliġenza artifiċjali biex isservi l-innovazzjoni u l-kompetittività Ewropej** | **Inizjattiva biex il-kapaċità Ewropea tas-superkompjuters tinfetaħ għal negozji ġodda tal-IA etiċi u responsabbli** (leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| **Ekonomija għas-Servizz tan-Nies** | | |
| 6. | **Bijoteknoloġija u bijomanifattura** | **Inizjattiva tal-UE dwar il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| 7. | **Djalogu soċjali** | **Segwitu tas-summit ta' Val Duchesse** (Trimestru 1/Trimestru 2 2024) |
| 8. | **Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, awtonomija strateġika miftuħa** | **Materjali avvanzati għat-tmexxija industrijali** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| 9. | **Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew** | **Inizjattiva rigward ir-regoli dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew** (leġiżlattiva jew mhux leġiżlattiva, inkluża valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 153(2)(b), flimkien mal-Artikolu 153(1)(e) TFUE, Trimestru 1 2024, tirrispondi għar-riżoluzzjoni P9_TA(2023)0028 tal-Artikolu 225 TFUE *"Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej"*) |

[1] F'dan l-Anness, il-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni, sa fejn din tkun disponibbli, dwar l-inizjattivi inklużi fil-programm ta' ħidma tagħha, skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Din l-informazzjoni, li hija pprovduta fil-parentesi ħdejn kull inizjattiva, hija biss indikattiva u soġġetta għal tibdil matul il-proċess preparatorju, b'mod partikolari fid-dawl tal-eżitu ta' proċess ta' valutazzjoni tal-impatt.

| | | |
|---|---|---|
| **Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja** | | |
| 10. | **Tisħiħ tas-sħubiji** | **Komunikazzjoni Konġunta dwar sħubija msaħħa mal-Afrika** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 2 2024) |
| 11. | **Difiża Ewropea** | **Strateġija industrijali tad-difiża Ewropea** (leġiżlattiva u/jew mhux leġiżlattiva, Trimestru 1 2024) |
| **Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna** | | |
| 12. | **Ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti** | **Aġġornament tal-qafas legali u tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti** (leġiżlattiva u/jew mhux leġiżlattiva, l-Artikoli 83(2) u 79(2)(c) TFUE, Trimestru 4 2023) |
| 13. | **Lawrja Ewropea konġunta** | a) **Lawrja Ewropea konġunta** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 2 2024) |
| | | b) **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja** (mhux leġiżlattiva, l-Artikoli 165 u 166 TFUE, Trimestru 2 2024) |
| | | c) **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonoxximent** (mhux leġiżlattiva, l-Artikoli 165 u 166 TFUE, Trimestru 2 2024) |
| **Spinta Ġdida għad-Demokrazija Ewropea** | | |
| 14. | **Tħejji għat-tkabbir** | **Komunikazzjoni dwar ir-riformi ta' qabel it-tkabbir u r-rieżamijiet ta' politika** (mhux leġiżlattiva, Trimestru 2 2024) |
| 15. | **Protezzjoni tat-tfal** | **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal** (mhux leġiżlattiva, l-Artikolu 292 TFUE, Trimestru 1 2024) |

# Anness II – Proposti u inizjattivi sinifikanti għar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar[2]

# u l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità

| Taqsima A - Proposti u inizjattivi għar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar adottati mill-Kummissjoni minn Marzu 2023 | | |
|---|---|---|
| **Nru** | **Titolu** | **Deskrizzjoni** |
| 1. | **Komunikazzjoni dwar id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali: l-iffaċilitar tal-moviment liberu fis-Suq Uniku – COM(2023) 501** | Il-Komunikazzjoni tippreżenta miżuri għad-diġitalizzazzjoni ta' proċeduri tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ċittadini mobbli u negozji li joperaw minn fruntiera għall-oħra. |
| 2. | **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni – COM(2023) 227** | Il-proposta tipprevedi tnaqqis tal-piż ta' rapportar għal banek u awtoritajiet permezz tat-tneħħija ta' ċerti obbligi. Il-proposta se tiffaċilita wkoll il-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' rapportar mill-banek. |
| 3. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/895 tal-4 ta' April 2023 għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-proċeduri, il-formati u l-formoli għad-divulgazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tar-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom (Solvenza II)** | Skont id-Direttiva dwar is-Solvenza II, fl-4 ta' April 2023, il-Kummissjoni adottat Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni ġodda dwar ir-rapportar u l-iżvelar minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jissimplifikaw ir-rapportar, ineħħu xi mudelli u jagħmluh aktar proporzjonat. |
| 4. | **Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea – COM(2023) 402** | Il-proposta tipprevedi tnaqqis tal-piż għal negozji bis-saħħa ta' żieda fl-użu ta' sorsi ġodda (diġitali u amministrattivi) u permezz tad-diġitalizzazzjoni ta' pjattaformi sikuri tal-iskambju tad-*data*. Iffrankar konsiderevoli jista' jiġi previst relatat ma' tnaqqis tad-daqs ta' stħarriġiet u b'hekk tnaqqis tal-piż fuq negozji u ċittadini. It-tnaqqis tal-piż se jaffettwa d-daqsijiet kollha tan-negozji, inklużi l-SMEs. L-SMEs se jibbenefikaw minn aktar statistika, u statistika aktar f'waqtha, partikolarment billi jiffurmaw il-maġġoranza ta' rispondenti fi stħarriġiet tan-negozji. |

[2] Dan l-anness jippreżenta l-proposti u l-inizjattivi adottati mill-Kummissjoni minn Marzu 2023, u oħrajn addizzjonali li qed jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' dan il-programm ta' ħidma jew adottati warajh, li jirrazzjonalizzaw u jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-UE. L-anness jinkludi wkoll l-inizjattivi li jmiss u l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità REFIT l-aktar sinifikanti li l-Kummissjoni se twettaq fl-2024.

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 5. | **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 – COM(2023) 459** | Il-proposta se twassal għal simplifikazzjonijiet u titjib fl-effiċjenza filwaqt li trawwem l-użu ta' sorsi amministrattivi alternattivi u tekniki diġitali moderni, inklużi t-trasferiment b'mod awtomatiku tad-*data* dwar il-pagi u l-web scrapping, li se jaqdi rwol fil-mitigazzjoni tal-piż fuq l-intrapriżi inġenerali u l-SMEs, b'mod partikolari. |
| 6. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1472 tas-17 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1055/2008 fir-rigward tal-frekwenza li biha l-Istati Membri jipprovdu r-rapport tal-kwalità tagħhom dwar il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jirrazzjonalizza l-obbligi ta' rapportar permezz tas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' rapporti dwar il-metadata u t-tnaqqis fil-frekwenza għal rapporti dwar il-kwalità mħejjija mill-awtoritajiet tal-istatistika kollha fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (Eurostat, Stati Membri tal-UE, Żona Ewropea ta' Kummerċ Ħieles u s-sistema Ewropea ta' banek ċentrali - SEBĊ). |
| 7. | **Rieżami tal-Governanza Ekonomika:**<br>○ **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 – COM(2023) 240;**<br>○ **Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv – COM(2023) 241;**<br>○ **Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri – COM(2023) 242.** | F'termini ta' razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, dawn il-proposti se jissostitwixxu ċerti obbligi ta' rapportar annwali ta' piż lill-Kummissjoni ma' pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju u rapport ta' progress annwali sempliċi. |
| 8. | **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 – COM(2023) 217** | Il-proposta se tissimplifika u tiddiġitalizza r-rekwiżiti ta' rapportar, jiġifieri permezz tal-introduzzjoni ta' passaport diġitali tal-prodotti u skeda ta' *data* dwar l-ingredjenti għas-sustanzi perikolużi. |
| 9. | **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE – COM(2023) 462** | Il-proposta tipprevedi d-diġitalizzazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rapportar u tal-konformità (il-passaport diġitali tal-prodotti) għall-ġugarelli. |
| 10. | **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u** | Il-proposta tissimplifika l-obbligi ta' rapportar u tnaqqas il-volum ta' rapportar bis-saħħa ta' qafas legali |

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | **tal-Kunsill dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 – COM(2023) 443/2** | armonizzat għall-kapaċità ferrovjarja u l-immaniġġar tat-traffiku u l-abolizzjoni ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija. |
| 11. | **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali – COM(2023) 445/2** | Il-proposta tinkludi d-diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni kif ukoll is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-trażmissjoni ta' ċerta *data* dwar it-trasport. |
| 12. | **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/UE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port - COM(2023) 271** | Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kontroll tal-istat tal-port hija stmata li tirriżulta f'iffrankar tal-ispejjeż amministrattivi għall-operatur, l-aġent jew il-kaptan tal-vapur eliġibbli għal spezzjoni estiża minħabba l-abolizzjoni tal-obbligu ta' rapportar bil-quddiem ta' 72 siegħa. |
| 13. | **Riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni:**<br>○ **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 - COM(2023) 258;**<br>○ **Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali – COM(2023) 259;**<br>○ **Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni – COM(2023) 262.** | Ir-riforma proposta tissimplifika u tirrazzjonalizza r-rekwiżiti ta' rapportar tad-dwana u tal-VAT għall-kummerċjanti, pereżempju billi tnaqqas iż-żmien meħtieġ biex jitlestew proċessi tal-importazzjoni u billi tipprovdi interfaċċa unika tal-UE u tiffaċilita l-użu mill-ġdid tad-*data*. |

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 14. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1451 tat-13 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/2002 fir-rigward tan-notifikar tal-mard u l-informazzjoni li trid tiġi sottomessa mill-Istati Membri għall-approvazzjoni u għar-rapportar tal-programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji u fakultattivi u fl-applikazzjonijiet għall-*istatus* ta' ħelsien mill-mard** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni relatat ma' mard tal-annimali jinkludi t-tneħħija ta' elementi mhux essenzjali tar-rapportar u l-kjarifika ta' ċerti definizzjonijiet ewlenin. |
| 15. | **Proposta għal riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika ġenerali tal-Unjoni:**<br>○ **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 u r-Regolament (UE) Nru 536/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 u r-Regolament (KE) Nru 1901/2006 – COM(2023) 193;**<br>○ **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li tħassar id-Direttiva 2001/83/KE – COM(2023) 192.** | Il-qafas rivedut jinkludi t-tneħħija ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar bħar-rekwiżit annwali għall-iżviluppaturi ta' prodotti mediċinali għal mard rari biex jippreżentaw rapport lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar l-istat ta' żvilupp tal-mediċini għal mard rari jew għat-tfal; ir-rekwiżit għall-Istati Membri biex jirrapportaw dwar miżuri nazzjonali biex jappoġġaw ir-riċerka, l-iżvilupp, id-disponibbiltà ta' mediċini għal mard rari jew għat-tfal; ir-rekwiżit biex tiġi pprovduta informazzjoni għal inventorju tal-ħtiġijiet terapewtiċi; ir-rekwiżit għall-Istati Membri biex jirrapportaw dwar każijiet li fihom ikunu rrinunzjaw ċerti rekwiżiti ta' manifattura; ir-rekwiżit għall-Istati Membri biex jirrapportaw bidliet li saru fil-lista tal-mediċini awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika. Tipprevedi wkoll tnaqqis tal-frekwenza ta' rapportar dwar awditi tas-sistema farmakoviġilanza. |
| **Taqsima B - Proposti u inizjattivi addizzjonali għar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar adottati mill-Kummissjoni flimkien mal-programm ta' ħidma u warajh[3]** | | |
| 1. | **Proposta għal Regolament li jemenda:**<br>○ **ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;** | Il-proposta fiha miżuri li jirrazzjonalizzaw l-obbligi ta' rapportar permezz ta':<br>• Tneħħija ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar eżistenti, li ma għadhomx meħtieġa minħabba duplikazzjonijiet ma' miżuri leġiżlattivi oħra, dwar standards tal-kummerċjalizzazzjoni għal prodotti tal-ħut;<br>• Tneħħija tar-rapportar dwar l-applikazzjoni ta' proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u l-approvazzjonijiet ta' |

[3] Għadd sinifikanti ta' proposti qed jiġu adottati permezz tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024. Dawk li se jiġu adottati warajh huma mmarkati b'''*''.

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | ○ **ir-Regolament 167/2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija;**<br>○ **ir-Regolament Nru 168/2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli.** | vetturi individwali rispettivament għal vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-kwadriċikli. Ir-rapportar ma għadux meħtieġ wara studju tal-Kummissjoni mill-2022 li kkonkluda li huma sodisfaċjenti l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-approvazzjoni individwali. |
| 2. | **Proposta għal Regolament li jemenda:**<br>○ **ir-Regolament 80/2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riżervazzjoni kompjuterizzata;**<br>○ **ir-Regolament 165/2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq;**<br>○ **ir-Regolament 996/2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili.** | Il-proposta fiha miżuri biex jiġu razzjonalizzati l-obbliġi ta' rapportar permezz ta':<br>• Tneħħija tal-obbligu biex jiġu ppreżentati rapporti awditjati tal-bejjiegħa tas-sistemi ta' sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni u ta-rekwiżit li l-bejjiegħa jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-identità tal-awditur;<br>• Sostituzzjoni tar-rapport annwali dwar installaturi tat-takografi u workshops permezz tal-pubblikazzjoni f'sit web b'aġġornamenti kif xieraq;<br>• Tneħħija tal-obbligu biex jiġu ppublikati rapporti annwali dwar investigazzjonijiet tal-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili li jkunu saru żejda fid-dawl tar-rieżami annwali tas-sikurezza ppubblikat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea. |
| 3. | **Proposta għal Regolament li jħassar ir-Regolament 524/2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi** | It-tħassir tas-soluzzjoni online għat-tilwim għar-Regolament dwar it-tilwim mal-konsumaturi se jneħħi r-rekwiżiti ta' rapportar assoċjati, li ma għadhomx meħtieġa. |
| 4. | **Proposta għal Regolament li jemenda:**<br>○ **ir-Regolament 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea;**<br>○ **ir-Regolament 1094/2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol;**<br>○ **ir-Regolament 1095/2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq;**<br>○ **ir-Regolament 1092/2010 li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku;**<br>○ **ir-Regolament 2021/523 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU.** | Il-proposta tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar permezz ta':<br>• Faċilitar ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u awtoritajiet oħra tas-settur finanzjarju u trażżin ta' rekwiżiti ġodda ta' rapportar. Dan se jippromwovi ġbir aktar effiċjenti ta' *data* u l-evitar ta' rapportar doppju b'benefiċċju dirett lil awtoritajiet Ewropej u nazzjonali u benefiċċju indirett għal dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li jkollhom jipprovdu l-informazzjoni;<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapportar għal sħab ta' implimentazzjoni tal-InvestEU minn kull sitt xhur għal darba fis-sena għall-biċċa l-kbira tal-elementi tar-rekwiżiti ta' rapportar. Dan se jnaqqas il-piż amministrattiv fuq is-sħab ta' implimentazzjoni, u għalhekk indirettament fuq in-negozji u fuq l-SMEs. |
| 5. | **Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti** | Il-proposta tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-parametri referenzjarji billi tiffoka fuq parametri referenzjarji sinifikanti. Dan se jipprovdi għalhekk sokkors immedjat minn rekwiżiti organizzazzjonali u ta' rapportar għall-amministraturi rilevanti ta' parametri referenzjarji li ma għadhomx fil-kamp ta' |

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | **finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment** | applikazzjoni. |
| 6. | **Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament 2016/2031 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti** | L-emendi proposti se jnaqqsu l-piż tal-obbligu ta' rapportar permezz ta':<br>• Diġitalizzazzjoni tar-rapportar minn awtoritajiet nazzjonali rigward riżultati ta' stħarriġ dwar pesti pluriennali;<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapportar minn awtoritajiet nazzjonali relatati ma' programmi ta' stħarriġ pluriennali;<br>• Tneħħija tar-rapportar li ma għadux meħtieġ għal miżuri nazzjonali li ttieħdu kontra ċerti pesti. |
| 7. | **Proposta għal Direttiva li temenda:**<br>○ **id-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali;**<br>○ **id-Direttiva 1999/2/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza;**<br>○ **id-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju;**<br>○ **id-Direttiva 2000/14/UE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra.** | Il-proposta se tnaqqas l-obbliġi ta' rapportar eżistenti permezz ta':<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapporti tal-Kummissjoni dwar drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera, li se jwassal għal tnaqqis korrispondenti tal-piż ta' rapportar għal awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri;<br>• Tneħħija tar-rapport annwali dwar il-kontroll mwettqa f'faċilitajiet tar-radjazzjoni li tionizza u dwar kontroll fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott;<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapporti dwar attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tat-tagħmir tar-radju;<br>• Tneħħija tal-obbligu biex tiġi trażmessa informazzjoni dwar il-ħoss għal tagħmir għall-użu ta' barra diġà pprovduta mit-tikkettar. |
| 8. | **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)** | Il-proposta se tnaqqas il-frekwenza ta' rapportar minn annwali għal biennali għar-rapport ta' sinteżi annwali li jitħejja mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva Inspire u fiha informazzjoni dwar is-settijiet tad-*data* identifikati fl-Annessi tad-Direttiva bħal networks tal-utilitajiet, lokalità tal-produzzjoni u faċilitajiet industrijali, eċċ. |

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
| --- | --- | --- |
| 9. | **Proposta għal Deċiżjoni li temenda:**<br>○ **id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità;**<br>○ **id-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija;**<br>○ **id-Direttiva 2022/1999 dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq;**<br>○ **id-Direttiva 2009/12/KE dwar l-imposti tal-ajruporti.** | Il-proposta tipprevedi t-tnaqqis fl-obbligi ta' rapportar eżistenti permezz ta':<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapportar dwar ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni u l-kategoriji differenti tad-Direttiva dwar il-ground handling;<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapportar skont id-Direttiva dwar il-vetturi nodfa akkwistati biex jappoġġaw l-użu ta' mobilità b'emissjonijiet baxxi;<br>• Tneħħija ta' rapportar fakultattiv dwar il-volum totali ta' merkanzija perikoluża li tinġarr bit-triq fl-Istati Membri;<br>• Tneħħija tal-obbligu għall-Istati Membri biex jippubblikaw il-lista tal-ajruporti soġġetti għar-regoli dwar l-imposti tal-ajruporti skont id-Direttiva dwar l-imposti tal-ajruporti u soġġetti għar-regoli dwar is-servizzi tal-ground handling skont id-Direttiva dwar is-servizzi tal-ground handling. |
| 10. | **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi (id-Direttiva dwar il-Kontabilità), u li temenda d-Direttiva 2022/2464 (għall-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà)** | Il-proposta tipposponi l-iskadenza għall-adozzjoni tal-istandards settorjali Ewropej tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà (bħalissa Ġunju 2024) b'sentejn. Dan se jipprovdi tnaqqis immedjat fil-piż ta' rapportar għal kumpaniji fil-kamp ta' applikazzjoni, inklużi l-SMEs. |
| 11. | **Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2014/62/UE dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali** | Il-proposta temenda d-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar billi tneħħi rapportar biennali żejjed dwar għadd ta' persuni mħarrka u kkundannati għall-kontrafazzjoni tal-munita. |
| 12. | **Proposta għal Direttiva li tħassar id-Direttiva 2013/11/UE dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi** | Il-proposta tipprevedi t-tnaqqis fir-rekwiżiti ta' rapportar attwali permezz ta':<br>• Tnaqqis tal-frekwenza ta' rapporti tal-attività minn korpi għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim: minn sena għal sentejn u punt obbligatorju inqas li dwar għandu jsir rapport jiġifieri dwar il-kooperazzjoni ta' korpi għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim fin-networks ta' korpi għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim;<br>• Korpi għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim mhux se jkollhom jikkomunikaw ma' awtoritajiet għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim dwar: valutazzjoni tal-effettività, taħriġ ipprovdut lill-persunal tagħhom u l-effettività tal-proċedura għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim offruta mill-korp għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim;<br>• Tneħħija tal-obbligi għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim għall-kummerċjanti. |
| 13. | **Direttiva Delegata tal-Kummissjoni li temenda d-** | L-att delegat jipprevedi l-aġġustament għall-inflazzjoni tal-limiti tad-daqs għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar |

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | **Direttiva 2013/34/UE dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi (id-Direttiva dwar il-Kontabilità), f'konformità mal-Artikolu 3(13) tal-istess Direttiva.** | il-Kontabilità, li mistenni jirriżulta fi tnaqqis tar-rekwiżiti ta' rapportar għal aktar minn miljun kumpanija. |
| 14. | **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2016/232 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 1308/2013 f'dak li jikkonċerna ċerti aspetti ta' kooperazzjoni bejn il-produtturi** | L-att delegat jipprevedi s-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' notifika mill-Istati Membri rigward id-deċiżjonijiet tagħhom li jestendu xi regoli stabbiliti minn ċerti organizzazzjonijiet tal-kooperazzjoni bejn il-produtturi, b'talba tagħhom, lil operaturi oħra li jaġixxu fl-istess settur u qasam ekonomiku. |
| 15. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda:**<br>o **ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 180/2014 tal-20 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament 228/2013 (li jimplimenta POSEI);**<br>o **ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 181/2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament 229/2013 (li jimplimenta gżejjer minuri tal-Eġew).** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi t-tneħħija tar-rapporti annwali dwar l-applikazzjonijiet eliġibbli li waslu u l-ammonti involuti għall-miżuri li jippromwovu l-produzzjoni lokali fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Eġew. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jneħħi wkoll notifiki awtomatiċi dwar l-approvazzjoni tad-dritt li jintuża l-logo dwar prodotti agrikoli ta' kwalità speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi. |
| 16. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi d-diġitalizzazzjoni tar-rapportar dwar il-pjan ta' kontroll u l-miżuri li ttieħdu biex jiġu skrutinizzati t-tranżazzjonijiet skont il-politika agrikola komuni. |
| 17. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-Trichinella fil-laħam** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi t-tneħħija tar-rapportar annwali dwar l-eżenzjonijiet li ngħataw għall-eżami tat-Trichinella f'kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni speċifiċi. |

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 18. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda[4] r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi tnaqqis fil-frekwenza ta' rapporti dwar programmi nazzjonali ta' tnissil biex jagħmlu reżistenza għal enċefalopatija sponġiformi li tinxtered. |
| 19. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2018/2066 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tnaqqas il-frekwenza li biha l-operaturi tas-settur tal-enerġija, industriji intensivi fl-enerġija u l-avjazzjoni jkollhom jirrapportaw dwar titjib għall-metodoloġiji tagħhom għall-monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, mingħajr ma jimmina l-komprensività neċessarja tad-*data*. |
| 20. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda[5] r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2022/92 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2019/883 fir-rigward tal-metodoloġiji tad-*data* ta' monitoraġġ u l-format għar-rapportar ta' skart mistad b'mod passiv** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi rapportar simplifikat fir-rigward tal-ammont ta' skart mistad b'mod passiv permezz ta' tnaqqis tal-frekwenza tal-preżentazzjonijiet. |
| 21. | **Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri skont ir-Regolament 1099/2008** | Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tagħti derogi b'terminu mit-trażmissjoni ta' ċerta statistika nazzjonali għall-iżvilupp ta' metodoloġiji, stħarriġiet tad-*data*, sistemi tal-IT ġodda, u aċċess għal sorsi ġodda tad-*data* fil-qasam tal-enerġija għat-tmien Stati Membri li jkunu talbu tali derogi. |
| 22. | **Rieżami tad-Direttiva 92/106/KEE dwar it-trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri*** | Il-proposta tinkludi s-simplifikazzjoni ta' proċeduri, pereżempju permezz tal-użu ta' pjattaformi tad-*data* diġitali dwar it-trasport għall-prova ta' eliġibbiltà għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. |
| 23. | **Proposta għal Regolament dwar l-istatistika dwar is-sajd*** | Ir-Regolament il-ġdid se jħassar il-leġiżlazzjoni eżistenti bil-għan li jissimplifika l-ġbir tad-*data* meħtieġa biex tipproduċi l-istatistika Ewropea dwar is-sajd. |
| 24. | **Implimentazzjoni ta' forma komuni f'format elettroniku biex jiġu ffaċilitati d-dikjarazzjonijiet ta' ħaddiema ppostjati*** | Id-diġitalizzazzjoni u l-istabbiliment ta' forma komuni se jissimplifikaw u jiffaċilitaw id-dikjarazzjonijiet ta' ħaddiema ppostjati. Din is-simplifikazzjoni amministrattiva tkun ikkumplementata mill-iżvilupp u l-forniment ta' interfaċċa multilingwa u pubblika li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi jistgħu jiddikjaraw il-postjar ta' ħaddiema, għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jużaw din l-interfaċċa pubblika. |

[4] Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' att lill-kumitat tal-komitoloġija rilevanti.

[5] Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' att lill-kumitat tal-komitoloġija rilevanti.

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 25. | **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/1070*** | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni se jkollu l-għan li jnaqqas il-frekwenza ta' rapporti dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2020/1070 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi tal-punti tal-aċċess bla fili f'żona żgħira. |
| 26. | **Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/896 dwar id-Direttiva Seveso III*** | Fir-rigward tad-Direttiva Seveso III, li tipprevedi l-qafas rilevanti dwar miżuri ta' mmaniġġar tar-riskji biex jiġu evitati aċċidenti kbar u jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni se tistabbilixxi l-format ta' rapportar ta' erba' snin għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni, li se jissimplifika l-obbligi ta' rapportar attwali previsti fid-Deċiżjoni 2014/896/UE. |

**Taqsima C - Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità għall-2024**

| Nru | Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 1. | **Kontroll tal-idoneità ta' kif jiġi applikat il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għall-ambjent** | Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ifisser li min iniġġes iġarrab l-ispiża tal-miżuri biex jiġi evitat, ikkontrollat u rimedjat it-tniġġis u l-ispejjeż tiegħu għas-soċjetà. Dan il-kontroll tal-idoneità se jqis kemm jiġi applikat tajjeb il-prinċipju, inkluż f'politika li jista' jkollha impatt ambjentali. L-iskop tal-kontroll tal-idoneità se jkopri l-politiki tal-UE li jkollhom impatt fuq l-istat tal-ambjent fejn riżorsi naturali jiġu mmaniġġati b'mod sostenibbli, u tiġi protetta l-bijodiversità, inkluż permezz ta' tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-ilma u l-ħamrija. Se jqis l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fil-livell tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-UE, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas permezz tal-baġit tal-UE, inkluż il-kunċett ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Il-kontroll tal-idoneità se jqis ukoll kull possibbiltà għar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. |
